# Il-Kwadru ta' San Ġużepp

## fil-Parroċċa ta' San Girgor f'Tas-Sliema



**Hosè Borg**

Dilettant tal-festi Maltin u Għawdxin u ilu għal din l-aħħar sena membru fis-Soċjetà Mużikali San Girgor f'tas-Sliema. Kollettur tal-kotba tal-festi. Għadu kemm lestejt l-*O Levels* u qed jaspira li jidħol l-*Junior College* sabiex jibda' jistudja bħala għalliem tal-Malti jew tal-Istorja.

Dan il-kwadru trittiku huwa dedikat lill-Missier putattiv ta' Ġesù, San Ġużepp. Dan huwa kwadru minn fost tliet kwadri ta' maġenb il-pittura ta' San Ġużepp, li fihom nsibu lil San Franġisk t'Assisi u lil San Ġwann il-Battista.

Il-kwadru ta' San Ġużepp sar fuq stil msejjah trittiku li normalment huwa stil li jmur mal-arkitettura romaneska kif ukoll dik benedittina mħalltin flimkien.

Il-kwadru sar skont ix-xewqa tal-benefattur ewlieni ta' din il-Knisja f'Tas-Sliema li kien l-Isqof Dom Mauro Caruana, li kien hu li ta l-art sabiex fuqha tinbena l-Knisja Parrokkjali dedikata lil San Girgor l-Kbir. Il-pittura ta' San Ġużepp tpittret minn Eliodoro Coccoli.

Ta' min wieħed jinnota wkoll f'dan l-kwadru illi San Ġużepp huwa ppreżentat kemm xejn differenti minn kwadri oħra, għaliex fejn is-soltu lil San Ġużepp narawh dejjem bil-bambin f'idu jew maġenbu bilwieqfa, hawnhekk f'dan il-kwadru, l-artist Taljan għażel li ma jpittirx lill-bambin, skont l-istil tiegħu. San Ġużepp jidher bilwieqfa bil-ġilju f'idejh kif ukoll b'idu x-xellugija fuq qalbu.




Ta' min jinnota wkoll illi f'dan l-kwadru San Ġużepp jidher f'ambjent differenti u trankwill b'xi siġar żgħar kif ukoll b'sema kaħlani b'xi ftit sħab miexi lejn l-Lvant.

Ninnutaw fih ukoll l-isem tal-qaddis b'kulur kannella skur li huwa dedikat taħt il-kwadru, b'kuntrast mal-kannella ċar fejn ħareġ effett sabiħ immense, meta amalgamat mad-disinn sabiħ tal-effett tal-kolonni u l-arkati li jaqsmu dawn il-kwadri bejniethom.

Din il-pittura ta' San Ġużepp hija kwadru bi stil sempliċi iżda fl-istess ħin sabiħ u mogħni b'kuluri fini u dettaljati u li ftit issib bħalu fil-knejjes tagħna għall-istil li għandu għaliex huwa maqsum fi tlieta u minħabba f'hekk jissejjah trittiku.

***Referenza:*** Teżori fil-Knejjes Maltin, Tony Terribile, PIN Publications.

